MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1257/2005

**Multivend Services Ltd**

**vs**

**ADS Systems Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas mis-socjeta konvenuta ta' tmien mija disgha u tmenin Lira Maltin u ghaxar centezmi (LM889.10) rapprezentanti danni subiti mill-istess socjeta' attrici kawza tan-nuqqas ta' provvisti ta' servizz mis-socjeta' konvenuta wara li dina bejghet numru sistemi ta' *PDS (Palm Top) Computer,* liema merkanzija ma setghetx tiffunzjona kif suppost u ordnat kawza tan-nuqqas ta' servizz kif ser jirrizulta fil-kawza.

Bl-Ispejjez u b'hekk is-socjeta' konvenuta tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda stante illi:

Preliminarjament, il-mertu ta' din il-kawza diga' huwa ezawrit f'kawza fl-ismijiet inversi fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Talba Numru 1461/03JR) deciza fis-16 ta' Dicembru, 2004, kopja ta' din is-sentenza giet annessa mat-talba.

Fit-tieni lok u preliminarjament it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artiklu 2153 tal-kodici Civili.

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-prodotti mibjugha mis-socjeta' konvenuta kienu ta' kwalita' pattwita u ta' kwalita' tajba.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda moghtija minn Adrian Gomez Blanco;

Ezamina d-dokument ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni li l-mertu ta' din il-kawza diga' huwa ezawrit f'kawza fl-ismijiet inversi fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Talba Numru 1461/03JR) deciza fis-16 ta' Dicembru, 2004, kopja ta' din is-sentenza giet annessa mat-talba. Is-Socjeta' attrici qalet illi hija ma gietx fornita b'dak li ordnat mis-socjeta' konvenuta. Fil-waqt illi l-konvenuti qalu li l-mertu tal-kawza kien diga dibattut u ezawrit fil-kawza l-ohra u ghalhekk it-Trbunal ghandu jichad it-talbiet attrici.

Illi t-Tribunal irid jaghti decizjoni dwar l-ewwel eccezjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra:

Is-Socjeta' attrici qieghda titlob danni f'ammont ta' LM889.10 mis-socjeta' attrici subiti kawza ta' nuqqas ta' provvisti ta' servizzi mis-socjeta' konvenuta wara li din bejghet numru ta' *PDS (Palm Top) Computer* , liema merkanzija ma setghetx tiffunzjona kif suppost. Illi s-socjeta' konvenuta tghid illi hija bejghhet u kkonsenjat il-prodotti lis-socjeta' attrici. Is-Socjeta' konvenuta qalet ukoll illi il-mertu ta' din il-kawza diga' huwa kif gie eccepiet.

Jidher illi l-ammont mitlub tad-danni huwa proprju l-ammont mhallas lis-socjeta' konvenuta ghal konsenja tal-*PDS Computers*.

Illi skond ix-xhieda ta' Adrian Gomez Blanco, Direttur tas-Socjeta' attrici jghid illi dawn xtraw *Palm Top Computers* u kellhom ukoll *maintenance agreement* ghall-istess *Palm Top Computers* kif ukoll ghas-*software* ta' dawn il-*computers.* Izda fi kliem Gomez Blanco talab peress illi s-socjeta' konvenuta m'aderewx mall-*maintenance agreement* li kellhom bejniethom, is-socjeta' attrici m'ghandhiex tkun obbligata li thallas il-bilanc tal-prezz fuq dawn l-oggetti. Huwa jghid illi s-*software u l-hardware* tal-*Palm Top Computers* mhumiex kompattibli u konsegwenza ta' dan is-socjeta' attrici ma setghetx thaddem dawn il-*computers.*

It-Tribunal ra lli fil-kawza fl-ismijiet inversi fit-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Talba Numru 1461/03JR) deciza fis-16 ta' Dicembru, 2004, kien intalab il-hlas ta' tmien mitt Lira Maltin u ghaxar centezmi (LM889.10) bilanc ta' prezz ta' prodotti mibjugha lil Multivend Services Ltd u ta' servizzi rezi lis-socjeta' Multivend Services Ltd. Fir-Risposta tas-socjeta Mutltivend Services fil-kawza fl-ismijiet inversi intqal illi:

i) it-Talba ghandha tigi michuda u dana minhabba nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal u dana stante li x-xoghlijiet huma regolati bi skrittura tal-1 ta' Frar, 2002 u l-istess skrittura titkellem dwar valur ta'servizz li huwa oltre elf hames mija Liri maltin (LM1,500.00);

ii) ii) Illi l-oggetti u s-servizz li kellha tipprovdi s-socjeta' attrici ma giex provdut u di piu nghataw oggetti

difettuzi. It-Tribunal f'dik il-kawza, kien cahad l-ewwel eccezzjoni dwar l-inkompetenza tat-Tribunal u l-proceduri tkomplew. Dwar it-tieni eccezzjoni, meta wiehed jaqra' s-sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar (Talba Numru 1461/03JR) deciza fis-16 ta' Dicembru, 2004, jara lli t-Tribunal kien wasal ghal konkluzjoni lli s-socjeta' ADS Systems Ltd ipprovdiedt il-*computers* u ftehmu fuq *maintenance agreement.* Is-socjeta attrici ma gabet ebda provi sostanzjali biex turi li fil-fatt kien hemm xi haga hazina fis-sistema. Skond l-istess sentenza jidher illi rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta fil-kawza quddiem dan it-Tribunal kienu marru ghand Multivend Services Ltd u s-sistema hadmet izda jidher illi is-socjeta' Multivend Systems Ltd kienet ilmentat mas-socjeta' ADS System Ltd illi s-sistema ma kienetx tghodd ghall-operat taghhom. Dwar il-provista ta' servizz it-Tribunal jidhirlu lli s-servizz kien gie inghatat izda kien hemm problema fis-sens illi is-sistema ma kienetx 'suitable for their operations.' Hawnhekk it-Tribunal kien qed jirreferi ghall-operat tas-socjeta' Multivend Services Ltd. Is-Socjeta' ADS System Ltd kompliet tibghat in-nies sabiex iharrgu lill-impjeagti tas-socjeta; Multivend Services Ltd. It-Tribunal huwa tal-fehma li s-servizz kien qieghed jigi provdut mis-socjeta' ADS Services Ltd.

Parti mill-eccezzjoni fil-kawza fl- ismijiet inversi deciza fis-16 ta' Dicembru, 2004 hija proprju dwar nuqqas ta' provvista tal-oggetti u s-servizz li kellha tipprovdi s-socjeta' ADS Systems Ltd ma gietx provduta kif kellha tigi provduta. It-Talba quddiem dan it-Tribunal huwa proprju kawza ta' nuqqas ta' provvisti ta' servizzi.

Ghalhekk t-Tribunal jidhirlu lli in kwantu ghat-talba ghan-nuqqas ta' provvista ta' servizz minn naha tas-socjeta' attrici, l-partijiet kienu xehdu fuqha u kienu dibattewha fil-kawza fl-ismijiet inversi u fil-fehma tat-Tribunal jidhirlu lli mertu ta' din il-kawza giet fil-fatt ezawrita fil-kawza fl-ismijijet Talba Numru 1461/03JR, deciza fis-16 ta' Dicembru, 2004.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta  u jillibera lis-socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez a karigu tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------